Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2005

Numru. 6/2004

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikolu 8 tal-Kap 101**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

Il-Pulizija
**Supretendent Neil Harrison**

**V**

**MARIA CONCETTA VELLA**

**Seduta ta' llum 21 ta' Lulju 2005**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **MARIA CONCETTA VELLA** ta’ 39 sena bint Carmel Borg u Jane nee Meilaq mwielda Nadur, Ghawdex fit-28 ta’ Gunju, 1964, residenti Flat 5, Alfino Flats, Emanuel Magri Street, Marsalforn, Ghawdexu detentrici tal-karta tal-identita` numru 25464G giet mressqa quddiemha akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer, fit-tmienja ta’ Mejju, 2002 u matul l-ahhar xhur qabel dina d-data;

1. Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienetx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali ital-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba w is-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienetx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kienetx b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta, li jkollha fil-pussess taghha dina d-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lila ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv taghha.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordnalha thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-Fiat tal-Avukat Generali mmarkat bhala dokument CSH [fol 4] rilaxxjat ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kap 101 sabiex din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lill-imputata tixhed minn jedda u b’mod volontarju.

Nhar **l-ewwel ta' April 2004, xehed is-Supretendent Neil Harrison** [fol 9] u spjega li f'Mejju tas-sena 2002 kien qed jghamel xi investigazzjoni fuq pesuna Ghawdex, fuq pussess u traffikar ta' droga. Illi nhar it-tmienja ta' Mejju, 2002 huwa kien bghat xi Pulizija fosthom PS 951 Joseph Tonna, PS 536 Jason Caruana u WPC 119 C. Camilleri jghamlu tficcija fir-residenza ta' Joseph Bajada li kien jghix mal-imputat f'Marsalforn. Il-Pulizija f'din it-tficcija sabu tmien qratas suspettati bl-eroina. Dawn gew elevati u mghoddija lill-Ispizjar Mario Mifsud ghall-aktar analizi relattiva.

Huwa fil-fatt ha l-istqarrija tal-imputata nhar it-tmienja ta' Marzu, 2002 li tinsab esebita fl-atti u mmarkata bhala dokument NH 1 [fol 36] fejn l-imputata ammettiet mieghu li l-qratas kienu taghha u li xtrathom xi granet qabel minn xi hadd ma tafux f'Malta u dan ghall-uzu personali taghha. Illi huwa sahansitra kien ressaq lill-imputata sabiex tikkonferma l-istqarrija taghha quddiem il-Magistrat Inkwerenti Dottor Antonio Micallef Trigona nhar id-disgha ta' Mejju, 2002. Illi f'din l-okkazzjoni l-imputata ikkonfermat dak li qalet a tempo vergine tal-investigazzjoni u sahansitra anke regghet irrepetiet l-istess verzjoni quddiem din il-Qorti viva voce nhar it-tnax ta' April 2005.

**PS 951 Joseph Tonna xehed nhar l-ewwel ta' April 2004** [fol 11] u spjega kif nhar it-tmienja ta' Mejju, 2002 huwa ha sehem fi tficcija u sab bajda tal-Kinder b'tmien qratas go fiha li huwa issuspetta li kien fiha droga Eroina. L-imputata u l-gharus taghha, certu Joe Bajada gew it-tnejn arrestati.

Nhar **l-ewwel ta' April, 2004 PS 536 Jason Caruana xehed** [fol 12] w ikkonferma dak li qal PS 951 Joseph Tonna salv li zied jghid li mieghu waqt it-tfittxija kien ha ukoll lil WPC 119 C. Camilleri.
Nhar **l-ewwel ta' April, 2004 Joseph Bajada xehed** [fol 13] w ikkonferma li kien gie arrestat mal-imputats nhar it-tmienja ta' Mejju, 2002. Illi bi sfortuna pero' x-xhieda tieghu ma tantx hi cara u ghalhekk il-Qorti ma tantx setghet taghmel sens minnha. Illi pero l-istess Joseph

Bajada kien irrilaxxja stqarrija nhar it-tmienja ta' Mejju, 2002 li tinsab esebita fil-process bhala dokument NH2 [fol 39] u minn esami taghha jirrizulta li d-droga li instabet fil-fond taghha ma kienetx tieghu izda tal-imputata. Huwa sahansitra ukoll ikkonferma din l-istqarrija quddiem il-Magistrat Inkwerenti dakinhar tad-disgha ta' Mejju, 2002.

**Illi nhar is-sittax ta' Dicembru, 2004 xehed l-Ispizjar Godwin Sammut** [fol 46] espert nominat mill-Qorti sabiex jghamel ezami fuq l-allegata droga li nstabet fil-fond ta' Bajada, Marsalforn okkupata wkoll mill-imputata. Huwa ppresenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala dokument MV [fol 48]. Illi minn esami ta' dan id-dokument jirrizulta li l-piz tat-trab li nstab kien ta' .48 grammi u l-purita` kienet ta' circa 60%. Id-droga li huwa ezamina, kienet tikkonsisti fi tmien qratas, li kienu go karta. It-tmien qratas kienu, Eroina.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ma gietx akkuzata bir-reat ta' pussess semplici tad-droga Eroina izda bir-reat ta' pussess tad-droga eroina li ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha.

Illi kull ma ghamlet il-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz kien li tipprova s-sejba ta' bajda tal-Kinder bi tmien qratas go fiha.

Illi din il-prova wahedha ma hiex bizzejjed biex il-Qorti tkun konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li din l-akkuza giet ppruvata. Illi l-ammont ta' droga li nstabet kien wiehed zghir, .48 gramma, w instab ghand persuna li ilha tabbuza mid-droga ghal perjodu ta' ghoxrin sena, li a tempo vergine tal-investigazzjoni stqarret li hija xtrat din il-bajda ghaliex fil-fehema taghha kienet *bargain* ghaliex xtrata bil-prezz ta' hamsin lira maltin meta in realta` tmien grammi jiswew tmenin lira Maltin. Illi hija kkoperat mal-Ufficcjal Prosekutur fis-sens li minnufih ammettiet li d-droga kienet taghha, li kienet xtratha lejliet u tant ma kellhiex x'tahbi li poggietha fuq il-komodina tal-kamra tas-sodda, u hallietha hemm, anke meta l-Pulizija marru jghamlu tfittxija ghandha. Illi l-ammont li nstab kien ammont zghir, mhux

xi ammont ghal xhur u ghalhekk zgur li tista tigi konsiderata bil-buon sens, bhala dik ghall-uzu personali biss.

Illi fis-sentenza moghtija ***mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tnejn ta' Settembru, 1999*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmel Spiteri** gie ritenut illi:

*"Huwa veru, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, li meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa l-Qorti u dak il-pusess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati".*

Pero fis-sentenza ***moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tletin ta' Jannar, 2003*** fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kenneth Zammit**, fejn il-kaz kien jittratta dwar sejbien ta' zewg blokki raza tal-Cannabis tal-piz komplessiv ta' 151.7 grammi, dik il-Qorti sostniet li:
"*Hi tal-fehma li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li walset ghaliha u cioe` li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant*".

Imbaghad, fil-kawza fl-ismijiet **l-Pulizija vs Emanuel Delia et *deciza nhar it-tlieta ta' Marzu, 1997 mill-Qorti tal-Appell Kriminali***, dik il-Qorti diversament preseduta kienet irrilevat li:

*"… l-pussess ta' disgha pilloli ecstasy u disgha qratas tal-Kokaina ghand wiehed mill-appellanti, ma jistghux jigu konsidrati bhala cirkostanza li tindika li d-droga in kwistjoni kienet intiza ghall-ispacc."*

Issa f'dan il-kaz in esami, fejn si tratta ta' .48 grammi ta' Eroina skond kif jirrizulta mir-rapport tal-Ispizjar Godwin Sammut dokument MV u li l-imputata kienet xtrat f'okkazzjoni wahda bil-prezz ta' hamsin lira maltin. Din ic-cirkostanza ma kienetx akkompanjata minn xi prova ohra li tista tindika anke b'xi mod indirett u cirkostanzjali li kienet intiza ghall-ispaccjar. Ma kien hemm l-ebda xhud li qal li kien jakkwista dan it-tip ta' droga minghand l-

imputata f'cirkostanzi jew okkazzjonijet vicin ghas-sejba tad-droga. Jidher li l-ispjegazzjoni li tat l-imputata hija vero simili, li xtrat din id-droga ghaliex prezzha kien *a buon mercato*.

Illi pero' l-akkuza ta' pussess ta' droga hija ivoluta u kompriza fl-akkuza ta' pussess b'intenzjoni ta' traffikar u ghalhekk fuq ammissjoni tal-imputata stess ta' pussess ta' droga kif jirrisulta mill-istess stqarrija rilaxxjata minnha il-Qorti issibha hatja ta' din l-istess akkuza fuq pussess semplici.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 8 tal-Kap 101 tal-Ligjiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputata MARIA CONCETTA VELLA hatja tal-akkuza ta' pussess semplici u tilliberha mill-akkuzi l-ohra ta' pussess bl-intenzjoni ta' traffikar u tikkundannha multa ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) ghall-akkuza misjuba hatja.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------